MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 942/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha John Micallef u l-istess John Micallef**
**vs**

**Alfred Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-12 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u sittin centezmu (Lm129.60), u dana in kwantu ghas-somma ta' mija u erba' liri Maltin u sittin centezmu (Lm104.60) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur John Micallef, rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru EAD-186 fil-21 ta' Dicembru, 1999, gewwa Rahal Gdid habat mal-vettura**

**numru DAM-865 propjeta` ta’ l-attur John Micallef u kkaguna danni f’din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 12 ta’ Mejju, 2000, kontra l-konvenut, u ta’ ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 ta’ Mejju, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba s-sewqan traskurat u negligenti ta’ Onorata Micallef li kienet qed issuq il-vettura ta’ l-attur John Micallef.**

**Semgha x-xhieda ta’ Onorata Micallef, Sarah Micallef, Joe Buttigieg, Alfred Pace, Joseph Cassar, PS947 Adrian Paul Vella, u Kumar Bonello. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta’ Dicembru, 1999 ghall-habta tal-11.40am. Involuti fl-incident kienu il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAM-865 misjuqa minn Onorata Micallef u proprjeta` ta’ John Micallef, u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAD-186 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara f’Ditch Street, Paola.**
**2. Skond ir-rapport tal-pulizija, Onorata Micallef kienet ghaddejja f’Ditch Street meta fsalt il-konvenut li kien parkeggjat fuq ix-xellug tat-triq fetah il-bieba u laqat il-vettura taghha fuq ix-xellug taghha. Il-konvenut qal lill-Pulizija li kien parkeggjat u kien ser johrog, meta il-vettura tal-attur dahlet fih u tqacctet il-mera. Ma kienx sar sketch peress li l-vetturi ccaqalqu wara l-incident. Pero mid-DokAPV jirrizulta li dak in-nhar ta’ l-incident it-triq kienet imxarrba.**

**3. Sarah Micallef, bint Onorata, tikkonferma li nhasdet meta fsalt semghat hoss u rat haga bajda ttir mat-tieqa. Onorata Micallef ikkonfermat dak li qalet lill-Pulizija u li gie rappurtat fir-rapport ta' l-istess. Hi kienet ghaddejja fit-triq principali u kienet daret ghal go Triq il-Foss, u meta qabzet it-tielet karozza semghat hoss u rat lill-konvenut bil-bieba mbexxqa u sidha barra. Wara l-habta waqfet aktar l-isfel mill-konvenut. Skond Micallef, meta l-konvenut fetah il-bieba, laqat il-mera li mal-habta nqalghet u waqghet. Hi tghid li lmentat mieghu dwar kif fetah il-bieba, u tghid li hu lmenta maghha dwar li kienet niezla tghaggel.**

**4. Fil-fatt skond is-survey jirrizulta li Micallef kellha daqqa fil-bieba, u mera mkissra.**

**5. Skond il-konvenut, hu kien parkeggjat bil-magna mitfija qed inehhi s-"seat belt", meta sema' hoss, li kien meta ghaddiet il-vettura ta' Micallef u tajret il-mera taghha. Skond il-konvenut hu ma kellux daqqiet fuq il-vettura tieghu. Il-konvenut isostni li meta laqtitu kellu l-bieba maghluqa.**

**6. Jigi rilevat li Kumar Bonello, Claims Handler mas-socjeta` attrici, ma jikkonfermax li l-vettura tal-konvenut ma kelliex hsara ghalkemm jghid li l-hsara fil-vettura tieghu kienet minima.**

**7. It-Tribunal ezamina r-ritratti esibiti, Dok.JM1 sa JM3, u dawn jindikaw li l-hsara fil-vettura ta' Micallef ma kienet biss limitata ghall-mera, izda aktar l-isfel mill-mera fil-parti t'isfel tal-bieba hemm brix li hu kompatibbli ma' dak muri fi-Dok.KB1, u mal-fatt li l-bieba kienet ghada kemm bdiet tinfetah. Dana jaghmel sens meta wiehed jara dak li qal l-istess konvenut lill-Pulizija ftit wara l-incident, ossija li kien ser johrog mill-karrozza meta l-attrici dahlet fih.**

**8. Fic-cirkostanzi l-konvenut kellu l-obbligu li joqghod attent qabel ma jiftah il-bieba, u jara li jista' jaghmel hekk minghajr ostakolu ghat-traffiku li ghaddej. Jidher li l-konvenut ma uzax id-debita diligenza, ma qaghadx attent qabel ma beda johrog mill-vettura tieghu, u konsegwentement ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghad-danni.**

**9. L-ammont ta' danni kagunati jirrizulta li kien ta' mija u ghoxrin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu, skond l-invoice esibit. It-tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament f'dan l-ammont. Minn dawn l-attur kien hallas hamsa u ghoxrin lira excess.**

**Ghaldaqstant in kwantu l-konvenut kien jahti ghall-incident de quo, qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm120.28), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u disghin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm95.28), u lill-attur John Micallef is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00). bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**